**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 646/2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joanna Piscopo)**

**-Vs-**

**GIANLUCA ABELA**

**Illum, 14 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **GIANLUCA ABELA**, iben Giuseppe Abela u Marisa nee' Felice, imwieled Pieta fis-27 ta' Dicembru 1998, residenti fil-fond 32, Monalisa, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi u detentur tal-karta ta' l-identita' 25899M ;

Akkuzat talli fl-1 ta' Novembru 2020 u fil-granet ta' qabel gewwa l-Qrendi u diversi partijiet tal-gzejjer Maltin ;

1. Minghand  il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Christabelel Abela, u dan hekk kif iccertifikat minn Dr. M.A, Caruana M.D (Med Reg : 2068) u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. Ikkaguna lil ohtu Christabelle Abela biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikoli 222 u dan bi ksur tal-Artikolu 251B(1) tal-Kapitlu 9 ;

Akkuzat ukoll talli nhar l-1 ta’ Novembru 2020 ghal habta ta’ 10 :00hrs gewwa l-Qrendi ;

3. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b’mod iehor lil Christabelle Abela. Art. 339 (1)(e) Kap 9.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li tohrog ordni ta’protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Gianluca Abela a beneficju ta’ Christabelle Abela u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti gentilment mitluba f’kaz ta’ htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta’ Christabelle Abela u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Gianluca Abela b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi Gianluca Abela sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati għall-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Novembru, 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 214, 216 (1)(b) u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 222(1)(a), 251(3), 251B u 251H(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2021 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-każ jikkonċerna argoment bejn l-imputat u oħtu Christabelle Abela ġewwa r-residenza tagħhom fl-1 ta' Novembru 2020 fejn ġew fl-idejn u allegatament, l-imputat ikkaġunalha *inter alia* offiża ta' natura gravi kif ukoll offiżi ta' natura ħafifa.

Id-difiża tal-imputata hija fondata fuq żewġ binarji prinċipali. *In primis*, id-difiża targumenta li l-provi juru li l-offiżi li sofriet il-parti offiża Christabelle Abela m'humiex natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali iżda fl-aħjar ipotesi għall-Prosekuzzjoni, huma offiżi ta' natura ħafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9. Id-difiża eċċepiet ukoll l-iskriminanti tal-legittima difiża u waqt it-trattazzjoni orali, ġie sottomess mid-difiża illi l-imputat aġixxa biex jiddefendi ruħu mill-aggressjoni manifestata minn oħtu.

Il-Qorti tqis li qabel xejn għandha tistħarreġ l-eċċezzjoni tal-leġittima difesa għaliex jekk jirriżulta li effettivament l-imputat aġixxa għad-difiża tiegħu jew ta' ħaddieħor u l-elementi kollha tal-iskriminanti huma ppruvati, ma jkun ġie kommess l-ebda reat kriminali kwalsiasi.

Din id-difiża, li jeħtieg li tirriżulta ghall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi, hija maħsuba fl-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Ix-xhieda u l-provi li tressqu f'dan il-proċess u li huma relevanti għall-fini tal-prova li l-imputat ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq oħtu u wkoll għall-prova tal-leġittima difiża huma, in suċċint, is-segwenti.

**Christabelle Abela** xehdet illi hija tgħix fl-istess dar flimkien ma' oħtha, ħuha Brandon Lee u ħuha Gianluca (l-imputat) u t-tfajla tiegħu Chanelle. Ta' sikwit kien qed ikollha xi tgħid ma' ħuha Gianluca u t-tfajla tiegħu minħabba li huma għandhom

żewġt iklieb *pitbulls* li kull meta jgħaddu mill-kamra tas-sodda fejn hija torqod flimkien mat-tarbija tagħha, iħallu l-ħmieġ tagħhom mal-art.

Dakinhar tal-inċident, fl-1 ta' Novembru 2020, inqala' argument ieħor fuq il-ħmieġ tal-klieb fejn qablet ma' Chanelle li din tal-aħħar kienet ser tnaddfu. Madanakollu, Christabelle laħqet nadfet il-kamra hija stess peress li riedet tniżżel lit-tifel sabiex jimxi u malli infurmat lil Chanelle b'dan, dlonk daħal fil-kċina Gianluca, semgħaha tkellem lil Chanelle u staqsiha x'kien ġara. Hekk kif Chanelle qaltlu li kellhom argument fuq il-klieb, Gianluca dar lejha u qabad jinsultentaha u jgħajjarha "qaħba" u li ma tistax tara raġel, u hi bdiet tgħajjru lura. Xehdet illi x'ħin raha ħierġa mill-kamra tas-sodda għal ġol-kċina, huwa qabad u waddbilha siġġu tal-injam u faqqagħhulha ġo idha x-xellugija fuq il-polz u mill-ewwel ħasset idha tintefaħ u tuġagħha.

Hi xehdet hekk:- *Jiena kont sejra għal ġol kċina u fi x'ħin sejra hu ħaseb li jiena ħa mmur intih nimmaġina jiena.*

Christabelle Abela ikkonfermat ukoll li kif appena ħuha kien ser iwaddbilha s-siġġu, daħal ħuhom iż-żgħir Brandon Lee biex jipprova jilqgħu biss però laħqet laqgħetu hi. Hija xehdet li kif raha tibki u tippassiġġa sa ma waqfet fil-kuritur, Gianluca taha daqqa ta' *squeezer* fuq spallitha in-naħa tax-xellug mentri hi provat tiddefendi ruħha b'idha l-oħra. Malli resqitu lejha, Gianluca gidmilha sidirha.

Xehdet ukoll illi wara dan l-inċident, hi marret poliklinika tal-Mosta fejn għamlulha *x-ray* biss però ma rriżultax li kien hemm ksur. Sussegwentement, l-għada u ċioé nhar it-2 ta' Novembru 2020, marret ġewwa l-Berġa ta' Raħal Ġdid peress li baqgħet tħoss l-uġiegħ fejn għamlulha appuntament għal *x-ray* ġimgħatejn wara fejn irriżulta li sofriet minn ksur f'idejha.

**Chanelle Debono** xehdet[1] illi kellha argoment ma' Christabelle Abela dwar il-klieb tagħha u tal-għarus tagħha l-imputat Gianluca Abela. Għalkemm hija qaltilha biex jitkellmu bil-kelma t-tajba, Christabelle qabbdet tidgħi u telgħet fil-kamra ta' ommhom. Wara ftit tela' Gianluca Abela u x'ħin Chirstabelle semgħetu jistaqsiha x'kien ġara, ġiet irrankata għalih mill-kamra tas-sodda għal ġol-kċina fejn bdiet tidgħi u qabdu jargomentaw. Ix-xhud xehdet illi l-ewwel Christabelle qabdet is-siġġu u xeħtitu fid-direzzjoni tal-kamra fejn kienu hi u Gianluca, distanza ta' ftit metri, iżda hi rnexxielha taqbad is-siġġu u niżżlitu. Dak il-ħin Christabelle ressqet iktar viċin lejn Gianluca u marru għal xulxin fejn ġew fl-idejn, b'Christabelle tagħti daqqa ta' ponn fuq ras ħuha u hu taha daqqa ta' ponn lura f'wiċċha, filwaqt li hi ppruvat tferraqhom. Ix-xhud kompliet tispjega li f'ħin minnhom waqfu jiġġieldu iżda peress li Christabelle offendiet lil Gianluca bil-ponot li għandu f'wiċċu, huwa qabad l-istess siġġu u waddabulha iżda ma tafx jekk Christabelle intlaqtitx bis-siġġu għaliex dak il-ħin hija daret biex iżżomm lil Gianluca. Wara ftit ħarġet ommhom u bdiet tipprova twaqqafhom milli jkomplu jiġġieldu. Huma marru fil-kmamar rispettivi tagħhom iżda wara ftit, Christabelle reġgħet ħarġet fil-kuritur u mxew lejn xulxin, fejn Christabelle qabbdet lil Gianluca, ġibditu lejha u bdiet tagħfsu ma' sidirha u ttih bil-ponn ġo rasu b'idha l-leminija. Ix-xhud spjegat illi hija rat illi Gianluca ta daqqa ta' *squeezer* lil oħtu u laqatha fuq spallitha naħa tax-xellug. Hi ppruvat tferraqhom u kif eżatt inqalgħu minn ma' xulxin, Gianluca b'idu x-xellugija ta daqqa lil Christabelle fuq ix-xedaq in-naħa tal-lemin ta' wiċċha u l-ġlieda waqfet hemmhekk. Ikkonfermat illi Gianluca kellu gundalla u rasu bdiet tuġgħu.

**Marisa Abela**, omm l-imputat u Christabelle Abela, xehdet[2] li fil-ħin li seħħ il-każ hija kienet rieqda u qamet għaliex semgħet l-istorbju u ħarġet tiġri fil-kċina fejn sabet lil uliedha Gianluca u lil Christabelle jillitikaw iżda ma tafx fuq x'hiex. Bdiet issikkithom u provat twaqqafhom milli jiġu fl-idejn, saħansitra bdiet tgħid lil Christabelle sabiex tidħol fil-kamra tas-sodda iżda din tal-aħħar baqgħet tgħajjat. F'ħin minnhom rat li Christabelle refgħet siġġu u għollietu iżda rnexxielha twaqqafha

[1] Xhieda tad-29 ta' April 2021.
[2] Xhieda tad-29 ta' April 2021.

u Christabelle reġgħet niżżlitu. Hi xehdet hekk:- "*Dak il-ħin ifhem ma rajthomx ġew fl-idejn. Imma kull ma naf li smajt lit-tifel jgħidilha: "X'ħa tagħmel Chris." X'ħin għolliet is-siġġu, dik biss"*. Ikkonfermat illi dak il-ħin Christabelle daħlet fil-kamra tas-sodda tagħha, iżda wara lanqas għaddew żewġ minuti Christabelle reġgħet ħarġet irrankata mill-kamra tgħajjat bir-rabja u ħarġet tiġri għal Gianluca. Marisa Abela spjegat li dak il-ħin hi bdiet twerżaq biex issikkithom u biex ma jinkwetawhiex u ma tathomx ċans jiġu fl-idejn. Xehdet li rathom viċin xulxin iżda mhux jagħtu bl-idejn għalkemm ikkonfermat li hija baqgħet fil-kċina sakemm waqfu jiġġieldu. Dak il-ħin semgħet lil Christabelle tgħid "*ara x'għamiltli*" b'referenza għal idha u qalet li kienet sejra l-Għassa u l-Polyclinic biex tagħmel ċertifikat għaliex qalet li Gianluca kien weġġagħha. Ikkonfermat ukoll li hija rat xi *squeezer* fl-art iżda ma tafx min seta' waddbu u ma rat lil ħadd minn uliedha jolqtu lil xulxin b'xi siġġu jew *squeezer* sakemm kienet fil-kċina.

**Brandon Lee Abela**, ħu l-imputat, xehed[3] illi f'Novembru 2020 oħtu Christabelle kellha xi tgħid ma' Gianluca fejn bdiet tagħmel ħafna storbju għaliex ħammġu l-klieb ta' Gianluca. Il-ġlieda kompliet teskala hekk kif Christabelle daħlet ġol kċina għal Gianluca u bdiet theddu li lill-klieb ser taqtalhom saqajhom barra. Xehed illi Christabelle wadbet siġġu għal fuq Gianluca iżda ma jafx jekk intlaqatx; kull ma jiftakar huwa li ra siġġu jtir fid-direzzjoni ta' fejn kien Gianluca. Hekk kif ra li s-sitwazzjoni kienet qiegħda taggrava, huwa telaq mill-kċina u mar fil-kamra tas-sodda tiegħu u ma reġgħex ħareġ għaliex ma riedx jidħol fin-nofs bejn ħutu iżda xorta waħda kompla jisma' l-għajjat u l-ġlied. Ix-xhud ċaħad li ra xi *squeezer* waqt dan l-argoment u ma jafx jekk ommu kienetx preżenti matul il-ħin kollu li ħutu damu jiġġieldu.

**Gianluca Abela, l-imputat**, irrilaxxa stqarrija fl-24 ta' Novembru 2020 waqt l-interrogazzjoni tiegħu, fejn spjega illi fl-1 ta' Novembru 2020 hu wasal id-dar flimkien ma' oħtu iżda hi laqħet daħlet qablu fir-residenza, fejn kif kien tiela' fuq, semagħha tgħajjat mat-tfajla tiegħu, Chanel. Meta daħal fil-kamra tiegħu u lil Chanel staqsiha "*din lil min qed tgħid?*", oħtu "*ġiet irrankata ma' wiċċi u qaltli xi trid tgħid?*

[3] Xhieda tad-29 ta' April 2021.

*Għalik qed ngħid*"  Hu stqarr li dak il-ħin huwa taha daqqa ta' siġġu għaliex "*lili indannatni ... ma flaħtiex iktar.*"  Għalkemm oħtu marret fil-kamra tagħha xorta baqgħet tgħajjru bil-kancer u bil-ponot f'wiċċu u meta offendiha lura, fetħet il-bieb, waddbitlu żarbuna u marret "*irrankata*" għalih fejn taha daqqa ta' lasta ta' xkupa u mbagħad telaq.

L-imputat ikkonferma li dan l-argoment inqala' minħabba l-klieb tiegħu u fisser ukoll li ta' sikwit oħtu kienet theddu li tweġġagħlu l-klieb u li ser taqta' saqajn il-kelba.  Qal ukoll li oħti għajret lill-għarusa tiegħu "*qaħba u li jien għandi l-qrun u li hi ma tibża' minn ħadd*".  Mistoqsi jekk hux minnu dak li ġie rapportat minn oħtu li qabad siġġu waqt dan l-argoment, waddabulha u laqatha fuq il-polz ta' idha x-xellugija, l-imputat għamel referenza għad-daqqa ta' siġġu li kien semma qabel meta hija marret irrankata ma' wiċċu.  Hu ma kkonfermax li gidem lil oħtu fuq sidirha iżda kkonferma li l-i*squeezer* li semmiet oħtu fir-rapport huwa l-istess lasta ta' xkupa li semma qabel.

L-imputat għażel li jixhed quddiem il-Qorti fejn xehed fl-1 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tat-8:00 a.m. hu u oħtu Christabelle Abela ħarġu mid-dar fl-istess ħin, fejn oħtu kienet qed targumenta ma' xi ħadd fuq l-mobile.  Huma inzertaw irritornaw lura d-dar fl-istess ħin għall-ħabta tal-10:00 a.m. iżda Christabelle laħqet telgħet qablu u bdiet tgħajjat mat-tfajla tiegħu Chanel Debono.  Hekk kif staqsa jekk oħtu kienet qed tgħid għaliha, Christabelle ġiet b'rankatura minn warajh u "*b'dik il-ħdura ta' ġlied*" qaltlu li għalih kienet qiegħda tgħid fejn qabdet u garatlu s-siġġu u hu qabdu u taha daqqa bih lura biex jiddefendi ruħu għaliex oħtu "*fiha tifla*".  Imbagħad ħarġet ommhom Marisa Abela mill-kamra tagħha fejn ikkalmat lil Christabelle għal ftit ħin, iżda għalkemm hi daħlet f'kamritha, li tmiss mal-kċina, baqgħet tgħajjru "*bil-ponot li għandi ġo wiċċi u bil-cancer*" u hu waddbilha żarbuna beda jgħajjarha lura u ammetta li għajjarha "*qaħba*".  Hawnhekk, oħtu reġgħet ħarġet għalih u qabditu b'idha b'daharu lejha u bl-id l-oħra bdiet tagħtih bil-ponn ġo rasu.  L-imputat fisser li oħtu fiha mara u twila ħafna filwaqt li hu qasir, tant illi bħala tul jiġi sa sidirha jew ftit inqas.  Kif irnexxielu jiżgiċċa, oħtu reġgħet ġiet irrankata għalih u dak il-ħin taha daqqa ta' lasta tal-i*squeezer* u hemmhekk l-affarijiet ikkalmaw u hu telaq.

L-imputat xehed ukoll illi wara ftit ġranet wara dan l-inċident huwa ra filmat ta' oħtu fuq Tik Tok fejn hi qiegħda tiżfen u tiċċaqlaq u xxejjer idejha u għalih hu ovvju li oħtu ma kellhiex ksur f'idejha[4].

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk humiex riskontrabbli fil-każ in diżamina l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża legittima kif invokat mill-imputat, sabiex f'kaz affermattiv, huwa jinħeles minn kull ħtija kriminali għad-delitt li altrimenti jirriżulta ppruvat.

Illi kif inhuwa risaput, ir-*ratio legis* wara l-istitut tal-leġittima difiża huwa d-dritt għall-awto-tutela ta' persuna jew ta' persuna oħra b'tali mod illi anke qtil isir ġustifikat jekk l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża jiġu stabbiliti.

Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment meħtieġa sabiex tiġi applikata l-iskriminanti għad-delitt tal-omiċidju jew tal-offiża fuq il-persuna, huma illi l-minaċċja jew l-aggressjoni affaċċjata trid tkun wahda gravi, inġusta u inevitabbli, u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun waħda proporzjonata ghal din il-minaċċja/aggressjoni kif hekk ikkwalifikata. Fi kliem sempliċi, din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi ohra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk, tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli.

**Jeħtieġ li dawn l-elementi jirriżultaw għall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi.**

[4] Vide USB Dok. GA1, esebit 27 ta' Lulju 2022.

Dawn l-elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[5]. Dawn huma illi l-minaċċja jew l-aggressjoni affaċċjata trid tkun waħda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja jew l-aggressjoni kif hekk ikkwalifikata:-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk* [javveraw] *ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.* "

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Allan Galea**[6], id-deċiżjoni li biddlet il-ħsieb tradizzjonali dwar din l-iskriminanti hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, li amplifikat fuq id-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta vs Frangisku Fenech** u fejn kien superjorment deċiż illi:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta'*

---

[5] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.
[6] Deċiża 14 ta' Ġunju 2018.

*jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. Dawn huma l-limiti gusti tal-kwistjoni u pjuttost milli tifformalizza proposizzjoni rigida applikabbli ghall-kazijiet kollha, din il-Qorti tippreferixxi li l-kwistjoni tigi risolta kaz b'kaz, u fuq l-iskorta tal-princpji salutari li jiggovernaw dan il-kaz klinikament tipiku ta' gustifikazzjoni."*

*Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi:* ***l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`.***[7]*"*

***"Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli.*** (emfasi ta' din il-Qorti)

Minn dan jikkonsegwi illi sabiex l-att difensjonali jitqies li jkun ġustifikat, l-att ta' aggressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża' raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Dan għandu jkun determinat minn min hu imsejjaħ biex jiġġudika billi jigi applikat it-test soġġettiv, li jfisser illi l-

[7] Deċiża 16/10/2003.

ġudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-aġent sabiex jgħarbel il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva bħala punt ta' tluq illi l-provi huma konkordanti illi l-inċident bejn l-imputat u oħtu Christabelle Abela seħħ f'żewġ episodji distinti, it-tieni wieħed iseħħ wara biss minuta jew tnejn: l-ewwel parti fejn Christabelle Abela ħarġet għall-kċina, twaddab is-siġġu u bl-intervent tal-omm, reġgħet daħlet fil-kamra tagħha, u t-tieni episodju fejn Christabelle Abela reġgħet bdiet tgħajjar lill-imputat u għajjarha lura, ħarġet għalih mill-kamra tagħha fejn ġew fl-idejn u hawnhekk mhux kontestat illi l-imputat ta lil oħtu daqqa ta' lasta ta' xkupa jew *squeezer* fuq spallitha.

**In kwantu għall-ewwel episodju, l-imputat jammetti bla tlaqliq li huwa ta daqqa ta siġġu lil oħtu u fl-istqarrija tiegħu jaqbel illi din id-daqqa oħtu laqgħetha fuq il-polz ta' idha xellugija**. Tosserva wkoll illi għalkemm l-imputat ma kienx għamel aċċenn għal dan fl-istqarrija tiegħu, jirriżulta inkontestat u ppruvat mix-xhieda ta' Chanel Debono kif ukoll ix-xhieda ta' ommu Marisa Abela u ħuh Brandon Lee Abela, illi l-argoment bil-kliem bejn l-imputat u oħtu eskala meta Christabelle Abela refgħet siġġu biex twaddbu fid-direzzjoni tal-imputat. Il-Qorti għafset lil dawn ix-xhieda, li lkoll kienu preżenti waqt din it-taqtigħa, u fil-każ ta' Brandon Lee Abela biss għall-ewwel parti minnha, biex tistabbilixxi jekk il-verżjoni tagħhom fir-rigward hijiex veritiera u ordnat saħansitra konfront bejn Marisa Abela u Brandon Lee Abela b'rabta ma' jekk l-omm laqħitx l-argoment mill-inċezzjoni tiegħu.

Wara li wieżnet il-verżjonijiet rispettivi tagħhom fl-isfond tal-provi l-oħra akkwiżiti fl-atti proċesswali, kif ukoll osservat il-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda, il-Qorti tqis illi għajr għall-verzjoni ta' Marisa Abela illi xehdet li fl-ebda waqt ma rat lil uliedha jiġu fl-idejn jew jolqtu lil xulxin b'xi siġġu jew squeezer (verżjoni li l-Qorti tqis bħala mhux attendibbli u xprunata x'aktarx mix-xewqa li tgħatti għaż-żewġ uliedha), dawn il-verżjonijiet kienu konsistenti fir-rigward tal-aggressjoni

manifestata minn Christabelle Abela fil-konfront tal-imputat u l-fatt li kienet hi li kienet irrabbjata għalih, bdiet theddu u ħarġet għalih mill-kamra tagħha għal ġol-kċina għall-ġlied (“*b’rankatura*”) kif ukoll refgħet siġġu. Kulħadd jaqbel, għajr għal Marisa Abela u l-parti offiża nnifisha, li hija waddbet dan is-siġġu fid-direzzjoni tal-imputat.

L-imputat fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, filwaqt li riafferma dak li kien stqarr fl-interrogazzjoni - illi hekk kif hu staqsa lil Chanel Debono jekk oħtu kienetx qed tgħid għalih, oħtu ħarġet mill-kcina u ħebbet għalih billi marret irrankata ma’ wiċċu biex tiġġieled - u kkonferma wkoll li qabbdet siġġu u waddbitulu.

Il-Qorti tqis li minn dan kollu hu sodisfaċjentement ippruvat illi dan is-siġġu l-parti offiża tabilħaqq refgħetu u waddbitu fid-direzzjoni tal-imputat u mill-kumpless tax-xhieda jirriżulta wkoll li l-parti leża avviċinat lill-imputat għall-ġlied u manifestat aggressjoni inġusta fil-konfront tiegħu.

Huwa stabbilit ukoll mill-provi anke *ex admissis*, illi l-imputat ukoll xeħet siġġu lejn oħtu li ntlaqtet b’dan is-siġġu fuq il-polz ta’ idha. L-imputat xehed illi huwa qabad l-istess siġġu li oħtu kienet waddbitlu u taha daqqa bih proprju għaliex ġiet “*irrankata f’wiċċ*(u)” għall-ġlied u dan biex jiddefendi ruħu. Madanakollu, il-Qorti wara li fliet ix-xhieda u wieżnet din il-verżjoni fl-isfond tal-provi l-oħra akkwiżiti fl-atti, m’hijiex sodisfatta illi hawnhekk l-imputat aġixxa biex jiddefendi lilu nnifsu għaliex ma jirriżultax illi din l-azzjoni kienet neċessarja, wisq inqas kienet meħtieġa biex tiġi evitata l-konsegwenza ta’ ħsara irreparabbli ċioe’ jew offiżi fil-ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tiegħu.

Fil-fatt, mill-provi ma jirriżultax illi l-imputat aġixxa billi ta din id-daqqa ta’ siġġu matul xi kollutazzjoni fiżika bejn l-aħwa jew fil-waqt li oħtu kienet qiegħda żżommu u tagħtih fuq rasu b’idha, iżda meta avviċinatu bir-rabja u bdiet tgħajjat f’wiċċu. Huwa minnu li Brandon Lee xehed illi huwa ma ra xejn iktar wara li oħtu xeħtet dan is-siġġu għaliex telaq mill-kamra, iżda Chanel Debono insistiet illi l-imputat waddab

is-siġġu lejn oħtu meta hija kienet qed tgħajjru bil-ponot li għandu f'wiċċu u mhux għaliex oħtu kienet appena garatlu s-siġġu jew biex jiddefendi ruħu.

Fil-fatt fix-xhieda tagħha fissret hekk fir-rigward tad-daqqa tas-siġġu:-

*"Imbagħad Gianluca, għax hi mbagħad waqfu f'ħin minnhom u Gianluca garalha s-siġġu. ... għax hi qaltlu offendietu bil-ponot li għandu ġo wiċċu. ... Hu x'ħin garah is-siġġu hi kienet ftit 'il bogħod sewwa mill-mejda, l-mejda forsi fiha tul t'hekk, naqra iktar tawwalija.*"

Din ix-xhieda hija fil-fatt konsonanti mal-verżjoni orġinarjament rilaxxata mill-imputat waqt l-interrogazzjoni, fejn stqarr illi **huwa ta daqqa ta' siġġu li l oħtu għaliex fi kliemu stess, bdiet tgħajjat f'wiċċu, ħassu indannat u ma felaħhiex iktar**.

Minn dan huwa eskluż b'mod assolut li l-imputat seta' kien qed jaġixxi għad-difiża tiegħu meta qabad is-siġġu u ta lil oħtu bih għaliex il-Qorti ma ravviżat l-ebda perikolu li ma setax, raġjonevolment, jiġi evitat b'xi mod ieħor għajr bit-twaddib tas-siġġu. Għalhekk l-element tal-inevitabbilita' tal-konsegwenzi tal-perikolu manifestat fl-aggressjoni tal-parti leża, huwa mankanti. Magħdud dan il-fatt li fil-waqt tal-azzjoni tal-imputat li kkaġuna l-offiża, il-Qorti ma riskontrat l-ebda theddida attwali ta' perikolu mhux biss għaliex il-parti offiża kienet diġa' waddbet siġġu fid-direzzjoni tiegħu ħin qabel, iżda wkoll għaliex it-tgħajjir u l-għajjat m'humiex biżżejjed biex isawwru raġjonevolment xi perikolu jew theddida ta' perikolu għall-ħajja jew għall-inkolumita' personali tal-imputat. U jekk kien hemm xi theddida effettiva ta' perikolu bħal dan, ir-rejazzjoni tal-imputat ċertament ma kienetx proporzjonata għal din it-theddida.

Dan kollu jfisser illi bl-applikazzjoni tal-insenjament fis-sentenzi iktar reċenti fuq ċitati, l-aggressjoni jew it-theddida ta' aggressjoni ma kienet xejn inevitabbli u kif stabbilit, mhuwiex biżżejjed li l-imputat ħaseb li t-theddida ta' aggressjoni jew ta'

ħsara hi inevitabbli.  Huwa minnu li kif ġie sottomess mid-difiża, l-istatura tal-parti leża mqabbla ma' dik tal-imputat, li huwa qasir u rqajjaq – osservazzjoni li l-Qorti stess kellha l-opportunita' tagħmel -  iżda peress li fil-waqt tal-azzjoni li kkaġunat l-offiża l-imputat oħtu kienet qed tgħajjar miegħu u ma kienx hemm theddida effettiva ta' aggressjoni fiżika, ma jistax jiġi konkluż li kien hemm theddida ta' ħsara li l-imputat ma setax, raġjonevolment, jevitaha ħlief bit-twaddib tas-siġġu.  Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu skont il-każ, jagħtu lok biss għal provokazzjoni iżda din l-attenwanti ma ġietx eċċepita mid-difiża u l-Qorti żgur m'hijiex sejra tittratta difiża li ma ġietx espressament sollevata u eċċepita.

Għaldaqstant, jekk it-twaddib tas-siġġu fid-direzzjoni tal-parti offiża ikkaġuna offiża volontarja, dan ikun ifisser li l-imputat għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

In kwantu għat-tieni episodju f'dan l-inċident, l-imputat stqarr u fix-xhieda tiegħu ikkonferma illi oħtu wara li baqgħet toffendih bil-mard u bil-ponot li għandu f'wiċċu, reġgħet ħarġet mill-kamra rrankata għalih.  Ommhom Marisa Abela wkoll ikkonfermat illi wara li għamlet żewġ minuti fil-kamra, Christabelle reġgħet ħarġet irrankata għall-imputat, tgħajjat bir-rabja.  L-imputat fix-xhieda tiegħu amplifika dwar dak li seħħ matul din it-tieni parti tal-inċident fejn fisser illi kif ħarġet għalih, oħtu qabditu b'idha u bl-id l-oħra bdiet tagħtih bil-ponn ġo rasu waqt li kien b'daharu lejha. Ikkonferma wkoll illi kif irnexxielu jiżgiċċa, oħtu reġgħet ġiet irrankata għalih u dak il-ħin taha daqqa ta' lasta tal-i*squeezer*.  Din il-verżjoni ġiet korroborata minn Chanelle Debono li xehdet illi hekk kif Christabelle Abela reġgħet ħarġet fil-kuritur u mxew lejn xulxin, hi qabbdet lil Gianluca, ġibditu lejha u bdiet tagħfsu ma' sidirha u ttih bil-ponn ġo rasu b'idha l-leminija u dak il-ħin rat illi l-imputat taha daqqa ta' *squeezer* u laqatha fuq spallitha naħa tax-xellug.

Il-Qorti minnufih tosserva illi l-imputat fl-istqarrija mkien ma semma li oħtu aggredietu billi żammitu magħha u tatu diversi daqqiet ta' ponn fuq rasu.  Iżda l-Qorti

semgħet lil Chanel Debono tixhed u tqis illi l-verżjoni tagħha, apparti li kienet konsistenti, hija wkoll verosimili anke għaliex hija deskriviet fid-dettall dak li żvolġa quddiemha fejn ippruvat tferraq lill-imputat minn ma' oħtu u ma ħasbithiex darbtejn biex tiddeskrivi l-azzjonijiet tal-imputat, l-għarus tagħha, waqt din il-kollutazzjoni. Kemm hu hekk, hi xehdet bla tlaqliq kif l-imputat kien xeħet siġġu lejn oħtu u li sussegwentement, laqatha bil-lasta ta' *squeezer*.

Fuq kollox, il-Qorti kkunsidrat il-fatt illi Christabelle Abela xehdet illi f'mument minnhom, x'ħin ressqitu lejha, l-imputat gidimha fuq sidirha. Din il-gidma effettivament, ħalliet marka fuq is-sider li ġiet kostatata minn Dr. Francesca Akanji[8]. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi jekk tabilħaqq Christabelle Abela kienet qiegħda tipprova tiddefendi ruħha mill-aggressjoni ta' ħuha dak il-ħin, indubbjament ma kienetx tressqu lejha iżda kienet tagħmel minn kollox biex tbiegħdu minnha. Barra dan, il-Qorti hawnhekk tqis li d-differenza fl-istatura tal-parti leża u tal-imputat ukoll hija relevanti fil-konsiderazzjoni dwar l-attendibbilita', jew aħjar in-nuqqas ta' attendibbilita', tal-verżjoni ta' Christabelle Abela li l-imputat gidimha biex jaggrediha u mhux jiddefendi ruħu. Minn din il-perspettiva l-Qorti tħoss li għandha tagħti affidabbilita' lill-verzjoni tal-imputat u ta' Chanel Debono illi huwa gidimha għaliex kien qed jinżamm minn oħtu waqt li kienet qiegħda tagħtih bil-ponn u rnexxielu jigdimha sewwasew għaliex kienet hi li ressqitu lejha. Għall-Qorti m'huwiex raġjonevoli li persuna li tallega li qalgħet daqqa ta' *squeezer* mill-aggressur tagħha, tressaq lejha l-istess aggressur ħlief biex issawtu. Din l-ipotesi tal-aħħar m'hijiex implawsibbli fiċ-ċirkostanzi fejn l-imputat xehed li oħtu kienet qiegħda ssawtu fuq rasu b'idha l-oħra u tenut kont ukoll tad-differenza notevoli fl-istatura tal-partijiet fejn l-imputat xehed u l-Qorti kkostatat illi bħala tul, huwa ferm iqsar minn oħtu[9]. Dan ifisser ukoll illi l-verżjoni ta' Chanel Debono u tal-imputat huwa laqat lil oħtu bil-lasta ta' *squeezer* wara li rnexxielu jinħeles mill-qabda t'oħtu u mhux qabel, hija verosimili.

[8] Vide Dok. JP3, fol. 19 u xhieda Dr. Francesca Akanji, 20 ta' Jannar 2021.

[9] Fil-fatt l-imputat xehed illi bħala tul huwa jasal sa sidirha jew ftit inqas.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li m'hijiex irraġjonevoli r-rejazzjoni tal-imputat li hekk kif irnexxielu jiżgiċċa lil oħtu u hi reġgħet ġiet irrankata għalih, taha daqqa ta' lasta tal-i*squeezer* fuq spallitha biex jiddefendi ruħu kontra iktar aggressjoni. Miżmum ferm il-fatt li kien għadu kif appena żgiċċa mill-qabda aggressiva ta' oħtu, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat kien ġustifikat li jipperċepixxi din l-aggressjoni bħala gravi u bħala manifestazzjoni ta' perikolu inevitabbli. Għalkemm fil-mument meta taha daqqa bl-i*squeezer* jirriżulta li l-imputat kien diġa' rnexxielu jinħeles mill-aggressjoni ta' oħtu, ir-rejazzjoni tiegħu fiċ-ċirkostanzi tista' raġjonevolment titqies bħala waħda intiża biex il-ħsara mhedda - li fiċ-ċirkonstanzi seta' raġjonevolment ipperċepixxa bħala waħda li kienet għadha inevitabbli - ma timmaterjalizzax.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-verżjoni tal-imputat fix-xhieda tiegħu hija ppruvata sal-grad tal-probabbli u għalhekk l-eċċezzjoni tal-leġittima difiża in kwantu għall-offiżi li setgħet ġarrbet Christabelle Abela f'din it-tieni parti tal-kollutazzjoni, hija mistħoqqa. Dan ifisser li l-imputat mhux ser jinstab ħati li kkaġuna lil oħtu l-offiżi riskontrati fuq spallitha u fuq sidirha għaliex dawn ġew inflitti għad-difiża leġittima tiegħu nnifsu. Sejjer jinstab ħati biss li kkaġuna offiża fil-polz tal-id ix-xellugija ta' Christabelle Abela.

Ikkunsidrat;

Jifdal għalhekk li jiġi stabbilit jekk l-offiża li sofriet il-parti leża f'idha hijiex waħda ta' natura gravi jew waħda ta' natura ħafifa. L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 u l-aggravanti taħt l-Artikolu 222(1)(a) tal-istess Kap. 9.

Il-Qorti tqis illi huwa ppruvat li l-offiża riskontrata fl-id ix-xellugija ta' Christabelle Abela ġiet ikkaġunata bis-siġġu li xeħtilha l-imputat waqt il-kollutazzjoni bejniethom. Hi xehdet li laqgħet is-siġġu b'idha u mill-ewwel ħasset l-uġigħ. Barra dan, Marisa Abela kkonfermat illi hija semgħet lil bintha dak il-ħin tilmenta b'idha u mix-xhieda huwa ppruvat li hija marret minnufih fil-Health Centre ta' Raħal Ġdid fejn Dr.

Francesca Akinji ċertifikat "*tenderness over left lateral side of wrist, referred for x-ray.*" Għalkemm sar *x-ray* dakinhar stess, ma ġie riskontrat l-ebda ksur fl-għadma tal-id.

Dr. Enya Sammut xehdet[10] illi fit-18 ta' Novembru 2020, Christabelle Abela kellha appuntament fil-Fresh Trauma Clinic. Hi ġiet infurmata mill-kollegi tagħha hemmhekk illi l-pazzjenta kellha ksur u sarilha l-ġibs f'idha. Xehdet ukoll illi hi eżaminat lil Christabelle Abela fit-18 ta' Novembru 2020 ġewwa l-Health Centre ta' Raħal Ġdid wara li sar l-imsemmi *x-ray*, fejn rat ir-rapport li kien ġie redatt mid-Dipartiment tal-Ortopedija li fih kien hemm mitkub li Christabelle Abela kellha ksur.[11]

Il-Qorti minnufih tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi l-offiża li ġarrbet Christabelle Abela f'idha bħala riżultat tad-daqqa li kkaġunalha l-imputat bis-siġġu li xeħtilha, hija offiża ta' natura gravi kif definita fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 216(1) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi li l-offiża fuq il-persuna hija gravi:-

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Jingħad illi mankament, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ, l-għonq jew f'waħda mill-idejn[12]. L-isfreġju mbagħad, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' u fl-armonija tal-lineamenti ta' dawn il-partijiet tal-ġisem tal-parti offiża. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[13] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Kollox

---

[10] 11 ta' Frar 2021.

[11] Vide ċertifikat redatt minn Dr. Enya Sammut abbażi tal-imsemmi rapport maħruġ mid-Dipartiment tal-Ortopedija, Dok. JP2, folio 18.

[12] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.

[13] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu **l-entita' tal-ħsara li tkun ġiet imġarrba**.

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[14]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

[14] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-prinċipju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[15] fejn intqal illi:-

*"... **għall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma ġiex sodisfaċjentement ippruvat la illi l-parti offiża sofriet ksur f'idha u lanqas illi dan il-ksur ħalla sfreġju wisq inqas, mankament fl-istess id. Dr. Francesca Akanji li eżaminat lill-parti leża fl-1 ta' Novembru 2020 ftit tal-ħin biss wara l-inċident fejn l-imputat taha daqqa bis-siġġu fuq idha, xehdet illi dak il-ħin Christabelle Abela lmentat b'uġigħ fuq in-naħa ta' barra tal-polz xellugi, iżda għalkemm sarilha appuntament għall-għada biex isirilha *x-ray* tal-polz, hi ma tafx ir-riżultat ta' dan l-*x ray*. **Fil-fatt, ma nġiebet l-ebda prova diretta tar-riżultat ta' dan l-*x ray* u tar-riżultat tal-*x ray* li sar in segwitu fit-18 ta' Novembru 2020, fejn allegatament ġiet identifikata frattura fir-*radial styloid* tax-xellug**.

Kemm hu hekk, Dr. Enya Sammut ikkonfermat fix-xhieda tagħha li **hija qatt ma rat dan l-*x ray* fejn allegatament ġiet identifikata l-frattura fl-id u rilaxxat iċ-ċertifikat tagħha datat 18 ta' Novembru 2020 abbażi tar-rapport li ġie mgħoddi lilha mill-kollegi tagħha fid-Dipartiment tal-Ortopedija u mhux abbażi tal-*x ray* innifsu**. **Il-Qorti tosserva wkoll illi r-riżultat tal-*x ray* li sar fit-18 ta' Novembru 2020 u r-rapport redatt abbażi ta' dan l-*x ray* mid-Dipartiment tal-Ortopedija m'humiex fost il-provi akkwiżiti fl-atti proċesswali.** Il-Qorti għandha quddiemha biss ix-xhieda ta' Dr. Enya Sammut li xehdet li qatt ma rat ir-riżultat tal-*x ray* li identifikat il-ksur fl-id ta' Christabelle Abela u rat biss ir-rapport redatt minn terzi dwar dan l-*x ray*; **terzi li madankollu baqgħu qatt ma tressqu biex jixhdu quddiem**

[15] Deċiża fit-12 ta' Settembru 1996.

**il-Qorti la dwar l-*x ray* u lanqas biex jipproduċu dan ir-rapport**. Għaldaqstant, ix-xhieda ta' Dr. Enya Sammut fir-rigward ta' dak li qalulha l-kollegi tagħha huwa xhieda fuq kliem ħaddieħor li l-Qorti mhix sejra tagħtija valur probatorju, filwaqt li x-xhieda tagħha dwar dak li rat fir-rapport wkoll ma fihiex valur probatorju u l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova fir-rigward: prova li ma jidhrix li l-Prosekuzzjoni kienet impedita milli tipproduċiha.

Għaldaqstant, in mankanza ta' dawn il-provi li l-Qorti tqis li huma essenzjali għas-suċċess tat-teżi tal-Prosekuzzjoni u kwindi għal sejbien ta' ħtija taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, il-Qorti tqis li ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement u f'kull każ m'hijiex moralment konvinta, li Christabelle Abela sofriet ksur fil-polz bħala riżultat tad-daqqa ta' siġġu li ġarrbet bi ħtija tal-imputat. Din il-konklużjoni hija msaħħa ulterjorment (i) mill-filmat esebit mill-imputat (Dok. GA1) fejn il-parti offiża tidher tiżfen u tiċċaqlaq idha biss erbat ijiem wara l-inċident[16]: mossi li wieħed qajla jinstennihom minn min ikun sofra frattura tal-polz ftit ġranet qabel, kif ukoll (ii) bix-xhieda ta' Dr. Joseph Psaila Savona li xehed li huwa rriskontra *a hairline fracture* **fir-raba' jew fil-ħames suba'** ta' Christabelle Abela u li hi kienet qaltlu li ġarrbet dan il-ksur wara li "*kienet involuta nkontru mal-**partner** tagħha u qaltli li għamilhielha hu.*"[17] (emfasi tal-Qorti)

Għaldaqstant, filwaqt li hija konvinta li l-parti leża ġarrbet xi xejra ta' offiża fil-polz ta' idha x-xellugija bis-siġġu li l-imputat tefagħalha waqt l-argoment li kellhom fl-1 ta' Novembru 2020, ma ġiex ippruvat sal-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li ġie kkaġunat sfreġju jew mankament f'idha u konsegwentement, ma jirriżultax li din l-offiża hija waħda gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Il-korollarju ta' dan hu li l-offiża f'id ix-xellugija ta' Christabelle Abela, ċertikat minn Dr. Francesca Akinji bħala "*tenderness over left hand side of wrist*"[18] hija waħda ta' natura ħafifa kif maħsub fl-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 li huwa reat illi għad, illi mhux ċitat

---

[16] Dan xehdu l-imputat iżda din ix-xhieda ma ġietx kontradetta jew b'xi mod kontestata mill-Prosekuzzjoni.
[17] Fol. 82.
[18] Dok. JP3, fol. 19 – ikkonfermat minn Dr. Francesca Akanji fix-xhieda tagħha, 20 ta' Jannar 2021.

speċifikatament fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, huwa reat minuri u kompriż fir-reat iktar gravi taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Iżda fil-fehma tal-Qorti u in vista tal-filmat esebit mill-imputat Dok. GA1 fejn kif rajna, il-parti leża tidher tiżfen u tiċċaqlaq idejha liberament mingħajr ebda sinjal ta' uġigħ jew skomdu ftit ġranet biss wara l-akkadut, jirriżulta wkoll ippruvat sal-grad tal-probabbli t-teżi tad-difiża illi l-effett tal-offiża fl-id ix-xellugija ta' Christabelle Abela, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, hija waħda ta' importanza żgħira fit-termini tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 221(3) tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, m'hemm xejn iżżomm lill-Qorti biex f'dan il-każ tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 221(3)(a) tal-Kap. 9, lanqas il-fatt li dan ma ġiex indikat fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali stante illi huwa evidenti li r-reat taħt l-Artikolu 221(3) huwa reat minuri u kompriż fir-reat taħt l-Artikolu 216 kif ukoll ir-reat taħt l-Artikolu 221(2) tal-Kap. 9[19].

L-Avukat Ġenerali indika l-aggravanti taħt l-artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9 fejn il-piena għar-reat *inter alia* taħt l-Artikolu 221 tiżdied mandatorjament bi grad meta l-offiża ssir fuq il-persuna tal-aħwa, fost qraba oħrajn u l-persuni l-oħra imsemmija fl-istess paragrafu. Madanakollu, billi l-Qorti qiegħda ssib li n-nefħa fil-polz ta' Christabelle Abela hija offiża ta' importanza żgħira u kwindi sejra tapplika l-piena taħt l-Artikolu 221(3) tal-Kap. 9, l-Artikolu 221 ma jistax isib riskontru. Dan għaliex l-istess Artikolu 221(1) jipprovdi li ż-żieda ta' grad għandha tiġi applikata fuq il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 221. Dan jeskludi l-piena msemmija fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 221 u konsegwentement, il-Qorti ma tistax tapplika ż-żieda fil-piena skont l-Artikolu 222(1) tal-Kap. 9

Ikkunsidrat;

---

[19] Ara fost oħrajn, **Il-Pulizija v Roxanna Callus** Qorti tal-Appell Kriminali deciza 20.9.2013.

Fit-tieni imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt l-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi illi huwa ħati tar-reat ta' vjolenza kontra l-privat kull min:-

"*... jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1)...*"

Il-Qorti tosserva illi l-imputazzjoni kif imfassla fiċ-Ċitazzjoni jirrispekkja tabilħaqq il-kliem tal-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9, appena ċitat. Huwa minnu illi minnufih fih wara l-kliem tal-liġi, din it-tieni imputazzjoni tkompli taqra "*u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitlu 9*" iżda bħalma huwa risaput, il-Qorti mhijiex marbuta bl-indikazzjoni fiċ-Ċitazzjoni tal-Artikolu tal-liġi li jipprospetta r-reat, għaliex huwa l-kliem tal-imputazzjoni bl-elementi essenzjali li jikkostitwixxu r-reat, li huwa determinanti biex jiġi stabbilit b'liema reat jinsab akkużat bih l-imputat - mhux l-indikazzjoni tal-artikolu tal-liġi fiċ-Ċitazzjoni.

Kemm hu hekk f'dan il-każ, it-tieni imputazzjoni mkien ma fiha l-kelma "*imġieba*" u jew il-kliem "*jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*" - elementi materjali kostituttivi tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 u għall-Qorti huwa evidenti li r-reat addebitat lill-imputat f'din it-tieni imputazzjoni huwa dak taħt l-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9. Madanakollu, l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika wkoll ir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Hawnhekk il-Qorti tosserva illi l-indikazzjoni tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9 mill-Avukat Ġenerali ma jfissirx illi l-Qorti hija neċessarjament marbuta tiġġudika lill-imputat ukoll abbażi tar-reat maħsub fl-istess Artikolu 251B. Dan qed jingħad għaliex matul l-*iter* kollu proċesswali, il-Prosekuzzjoni ma talbitx żieda fl-imputazzjonijiet biex l-imputat jiġi mixli wkoll bir-reat separat u distint taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 u l-Avukat Ġenerali baqa' qatt ma pproċeda a tenur tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 435 tal-Kap. 9 billi bagħat lura l-atti biex din il-Qorti tissokta l-kompilazzjoni u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor.

Għalhekk il-Qorti tqis li l-Avukat Ġenerali ma setax, meta bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat minnha, jesiġi li huwa jiġi aġġudikat ukoll dwar reat ieħor li fih elementi kostittutivi differenti mir-reat ġia' addebitat fiċ-Ċitazzjoni.

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dustin Bugeja**[20]:-

*17.L-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa wkoll li fl-att tal-akkuża huwa jdaħħal reati oħra li jkunu rriżultaw mill-kompilazzjoni, għalkemm mhux neċessarjament oriġinarjament imputati fiċ-ċitazzjoni. Biss l-Avukat Ġenerali ma jistax idaħħal fl-att tal-akkuża reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħroġ mill-kompilazzjoni li tkun saret. U f'dan is-sens jista' jiġbor u jġib provi oħra ma dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni.*

*18.Jekk imbagħad minn dawn il-provi ġodda miġbura minnu l-Avukat Ġenerali jsir jaf b'reat ieħor li ma kienx imdaħħal fil-kompilazzjoni, l-Avukat Ġenerali għandu jibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati biex din tissokta u tipproċedi fuq dan ir-reat l-ieħor.*

In propositu, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter**, ippuntwalizzat:-

"*Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`.*"

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet ukoll, b'referenza għas-sottomissjoni li kien sar quddiemha li l-ewwel Qorti setgħet tiġġudika dwar reati oħrajn mhux imsemmija fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju għaliex dawn ir-reati huma kompriżi u involuti f'xi

[20] Qorti tal-Appell Kriminali, 14.7.2020.

wieħed mir-reati l-oħrajn indikati mill-Avukat Ġenerali meta bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat mill-ewwel Qorti:-

"*Certament l-analogija minnu maghmula mar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna u tar-reat ta' offiza involontarja fuq il-persuna ma hiex wahda valida, ghax f'dak il-kaz wiehed ikun qed jitkellem dwar l-istess element materjali u bid-differenza biss fl-element formali.*"[21]

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, huwa minnu li r-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, mhux addebitat fiċ-Ċitazzjoni, iġorr piena inqas mir-reat tal-vjolenza kontra l-privat taħt l-Artikolu 251(3). Iżda l-piena waħedha m'huwiex fattur determinanti biex jiġi stabbilit jekk ir-reat indikat mill-Avukat Ġenerali (f'dan il-każ taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9) huwiex reat "kompriż u involut" fejn allura l-Qorti tista' tiġġudika lill-imputat dwaru minkejja li ma ġiex mixli bih oriġinarjament u ma saritx kumpilazzjoni dwaru. Biex reat jitqies li huwa kompriż u involut jeħtieġ li jkollu l-istess elementi materjali kostituttivi tar-reat, iżda kif rajna, l-elementi materjali tal-imġieba ossia *course of conduct* li jsawwar ir-reat taħt l-Artikolu 251B, m'humiex elementi li jsawru r-reat li effettivament saret il-kumpilazzjoni dwarha u għalhekk, il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra tiġġudika lill-imputat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

F'kull każ, huwa ovvju mix-xhieda tal-parti leża Christabelle Abela u mill-provi l-oħra li ressqet il-Prosekuzzjoni, illi l-element ta' imġieba da parti tal-imputat, ossia a *course of conduct* li seħħ entro l-parametri temporali speċifikatament indikati fiċ-Ċitazzjoni[22] (mingħajr qies tal-elementi l-oħra li jridu jiġu ppruvati għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9) huwa kompletament mankanti[23].

Ikkunsidrat;

[21] Deċiża 7 ta' Diċmbru 2001.
[22] « *Fl-1 ta' Novembru 2020 u fil-ġranet ta' qabel…*"
[23] L-uniku episodju ieħor li xehdet dwaru Christabelle Abela seħħ f'Diċembru 2019, sena qabel l-inċident tal-1 ta' Novembru 2020.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tistħarreġ jekk il-Prosekuzzjoni rnexxielhiex tipprova l-elementi kollha meħtieġa għal sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9.

Diversament mir-reat taħt l-Artikolu 251B li jeħtieġ bħala element kostituttiv tiegħu, imġieba ripetuta konsistenti f'*a course of conduct,* ir-reat addebitat lill-imputat taħt l-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9, jeħtieġ biss li jkun hemm **att materjali konsistenti f'manifestazzjoni ta' theddid ta' vjolenza li tkun effettivament ikkaġunat lis-soggett passiv tar-reat jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew tal-persuni elenkati fl-istess dispożizzjoni legali**. Għalkemm il-kondotta jew imgieba ripetuta m'hijiex fost l-elementi tar-reat addebitat lill-imputat odjern, il-Prosekuzzjoni xorta waħda jeħtiġilha tipprova f'kull każ illi l-imputat kellu l-mens rea li jikkaġuna biża' fis-soġġett passiv li ser tintuża vjolenza fuqu jew fuq il-proprjeta` tiegħu u li l-azzjonijiet tiegħu effettivament ikkaġunaw dan il-biża'. Din il-prova tal-aħħar tista' ssir ukoll billi jintwera li oġġettivament, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, dan il-biża', bħala stat ta' emozzjoni soġġettiva, seta' jiġi raġjonevolment imnissel fis-soġġett passiv. Il-liġi ma tiddefinixxix u lanqas tillimita l-mezzi li bihom tigi kkaġunata l-biza' ta' vjolenza.

Iżda fil-każ in diżamina l-Qorti wara li qieset il-provi, m'hi xejn affattu konvinta li ġie ppruvat li l-azzjonijiet tal-imputat fiċ-ċirkostanżi tal-każ, ikkaġunaw fil-vittma stat ta' emozzjoni soġġettiva li tista' titqies bħala biża li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħa jew tal-proprjeta' tagħha.

L-inċident li seħħ fl-1 ta' Novembru 2020 kien argoment bejn żewġ aħwa dwar materja li kienet ilha ttektek, ċioe' l-ħmieġ li l-klieb tal-imputat kienu jħallu fl-art meta kienu jgħaddu mill-kamra fejn torqod il-parti offiża. Mill-provi l-Qorti fehmet ukoll illi din ma kienetx l-ewwel darba li l-aħwa ġġieldu bejniethom u ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront xi wieħed jew waħda minnhom minħabba din il-kwistjoni. Ġie stabbilit ukoll mill-evalwazzjoni tal-provi li saret għall-fini tal-ewwel imputazzjoni, illi kienet Christabelle Abela nnifisha li qanqlet l-argoment u dan meta

bdiet tgħajjat ma' Chanel Debono fuq il-ħmieġ tal-klieb. Huwa ppruvat ukoll illi dan l-argoment eskala meta l-istess parti offiża xeħtet siġġu fid-direzzjoni tal-imputat. Il-Qorti hi sodisfatta illi mill-kumpless tax-xhieda, jirriżulta li Christabelle Abela avviċinat lil ħuha b'mod aggressiv meta ħarġet għalih mill-kamra tagħha għall-ġlied ("*b'rankatura*") u bdiet tgħajjat u toffendih.

Għalkemm huwa minnu li l-imputat ukoll, in segwitu, waddab siġġu lejn oħtu u laqatha fuq idha, hu ovvju li din l-azzjoni seħħet fil-qilla tal-argoment bejn l-aħwa li eventwalment ġew ukoll fl-idejn - bil-parti offiża żżomm lil ħuha l-imputat u tagħtih bil-ponn fuq rasu - filwaqt illi kif ġia' stabbilit, id-daqqa ta' *squeezer* u l-gidma f'sidirha kienu azzjonijiet li saru għad-difiża leġittima tal-imputat innifsu.

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti m'hijiex konvinta li huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-imputat b'xi kelma, azzjoni jew att materjali ieħor matul dan l-argoment, qanqal f'oħtu xi element soġġettiv ta' biża' li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha. Kif rajna, jeħtieġ li l-Qorti tkun moralment konvinta illi l-vittma effettivament beżgħet għas-sigurta` personali u inkolumita` fizika tagħha minħabba xi imġieba tal-imputat, jew talanqas li dan l-istat soġġettiv huwa raġjonevolment deżumibbli oġġettivament miċ-ċirkostanżi tal-każ. Iżda f'dan il-każ partikolari, lil hinn mid-dikjarazzjoni tagħha li hija weġġgħet meta l-imputat taha daqqa bis-siġġu, fix-xhieda tagħha m'hemm xejn li tikkonvinċi lill-Qorti li hija beżgħet mill-imputat waqt din il-kollutazzjoni jew li l-imputat bl-azzjonijiet tiegħu ġiegħlha tħossha allarmata u mdejqa bl-azzjonijiet tiegħu[24]. Wara kollox, persuna li tibża' minn persuna oħra, ma tagħmilx għaliha b'rabja, twaddab siġġu fid-direzzjoni tagħha, jew tgħajjat magħha, toffendiha u tgħajjarha.

Għaldaqstant, filwaqt li mhijiex sejra tiġġudika lill-imputat għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, lanqas m'hi sejra ssibu ħati tar-reat taħt l-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

---

[24] Vide Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9.

Illi l-Avukat Ġenerali indika wkoll ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9, ċioe' li inġurja jew hedded lil oħtu, jew jekk kien ipprovokat, inġurjaha b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Christabelle Abela xehdet illi matul l-agorment li kellha ma' ħuha l-imputat, għajjarha "*qaħba*" u "*tiftaħ saqajk għal kull wieħed li tara*": kliem li ħassitha offiża bih għaliex stqarret li kienet qiegħda f'relazzjoni. Madanakollu, il-Qorti fehmet, wara li rat l-istqarrija tal-imputat u semgħetu jixhed, kif ukoll wara li qieset ix-xhieda tal-membri tal-familja l-oħra li kienu preżenti waqt dan l-argoment, illi l-imputat inġurja lil oħtu għaliex hi għajjritu bil-ponot li għandu f'wiċċu u bil-mard. Fil-fatt, l-imputat ammetta bla tlaqliq fl-istqarrija tiegħu li huwa għajjar lil oħtu bil-kelma "*qaħba*" iżda dan għamlu għaliex minkejja li f'mument minnhom hija donnu kkalmat u daħlet fil-kamra tagħha, "*xorta baqgħet tgħajjat u tgħajjarni bil-kancer u għax ghandi l-ponot go wiċċi u mbagħad f'ħin minnhom offendejtha ...*"[25] Stqarr ukoll: "*Jekk hi bdiet tgħajjarni, jien għamilt l-istess. Kemm ukoll għajret lill-għarusa tiegħi qaħba u li jien għandi l-qrun u li hi ma tibża' minn ħadd ...*" Dan l-imputat xehdu wkoll quddiem il-Qorti fejn ikkonferma li hu beda jgħajjar lil oħtu bil-kelma "*qaħba*" meta semagħha minn ġol-kamra tagħha tgħajjru "*bil-ponot li għandi ġo wiċċi u bil-cancer u jien bdejt ngħajjarha lura*".

Għall-Qorti hu evidenti li l-imputat inġurja lil oħtu bi kliemu biss għaliex kien ipprovokat bl-insulti u l-kliem inġurjuż tagħha, fuq riprodotti. Fiċ-ċirkostanzi u fil-qies tal-kliem inġurjużi li l-parti leża indirizzat fil-konfront tiegħu, huwa wkoll evidenti li b'din l-inġurja l-imputat ma eċċediex il-limiti tal-provokazzjoni. Dan ifisser li wieħed mill-elementi materjali tar-reat taħt l-Artiklu 339(1)(e) tal-Kap. 9 ċioe' li bl-inġurja ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni, mhijiex ippruvata u konsegwentement l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni.

---

[25] Marisa Abela wkoll ikkonfermat li Christabelle baqgħet tgħajjat minn ġol-kamra tagħha.

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet qies tal-fatt li dan kien argoment bejn aħwa li kienu jgħixu flimkien, wieħed fost diversi argomenti li kienu regolarment jitqanqlu bejn dawn iż-żewġ aħwa dejjem dwar l-istess kwistjoni. Argomenti li inevitabbilment kienu jaffettwaw il-qraba kollha li kienu jirrisjedu flimkien u b'hekk ifixklu s-serenita' f'din ir-residenza. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi effettivament, bl-azzjonijiet tiegħu l-imputat weġġa' lil oħtu iżda fl-istess waqt trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-imsemmija ċirkostanzi li fihom ġiet ikkaġunata l-offiża kif ukoll il-fatt illi kif ġie stabbilit, l-offiża kienet waħda ta' ftit importanza li ma jidhrix li ħalliet xi effetti fuq il-vittma. Għalhekk, naturalment, piena karċerarja ma tkunx xierqa f'dan il-każ, anke tenut kont tal-fedina penali kompletament netta tal-imputat u l-Qorti tqis li l-piena ta' multa – anke peress li ż-żieda fil-piena taħt l-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap. 9 m'hijiex applikabbli – hija ferm iktar idonea.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 11, 31 u 221(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil GIANLUCA ABELA ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu kkaġuna fuq il-persuna ta' Christabelle Abela offiża ta' natura ħafifa li kellha effett ta' importanza żgħira, u tikkundannah multa ta' tliet mitt Euro (€300).**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex iżomm il-paċi ma' Christabelle Abela u dan taħt penali ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**